25 ta' Ġunju, 1948.

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Imħallef :

Salvatore Camilleri *versus* Stefano Debono pr. et ne. et.

**Bejgħ — Tradizzjoni — Danni —**
**Art. 1435, 1436 u 1488 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta, fl-okkażjoni ta' bejgħ ta' ħaġa mobili, il-venditur jagħti lix-xerrej fl-istess kuntratt il-kunsens tiegħu biex jieħu pussess ta' l-oġġett li jbiegħlu b'dak il-kuntratt, it-tradizzjoni ta' l-oġġett issir ma' l-istess kuntratt. Għax it-tradizzjoni tikkonsisti fit-traslazzjoni tal-pussess, u skop tagħha huwa l-immissjoni fil-pussess tal-kumpratur, sabiex dan ikun jista' jirrikava l-utilità illi l-ħaġa li akkwista għandha tipprokuralu, sabiex ikun jista' jeżerċita d-dritt li jkun tah il-kuntratt tal-bejgħ.*

*Għalduqstant, jekk ix-xerrej ma jirtirax l-oġġett li akkwista, u dan imbagħad jiġi trasferit lil ħadd ieħor mill-venditur, mhux il-każ li x-xerrej jitlob ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ minħabba nuqqas ta' konsenja ta' l-oġġett, imma huwa każ ta' danni.*

*F'dan il-każ lanqas hija applikabili d-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li, trattandosi ta' bejgħ ta' ħwejjeġ mobili, ix-xoljiment tal-bejgħ isir*

*"ipso jure", fl-interess tal-venditur, jekk ix-xerrej ma jmurx biex jirtira l-ħaġa mibjugħa qabel l-għeluq taż-żmien stipulat għall-konsenja, jew jekk imur biex jieħu dik il-konsenja mingħajr ma joffri fl-istess ħin il-prezz, meta ma jkunx hemm żmien stabbilit għall-ħlas tal-prezz; għax dik id-dispożizzjoni tikkontempla l-każ meta x-xerrej ma jkunx mar biex jieħu l-konsenja ta' l-oġġett, mentri fil-każ in kwistjoni l-konsenja hija ritenuta li diġà saret.*

*Barra minn dan, dik id-dispożizzjoni ma hix applikabbli meta l-prezz ikun diġà mħallas, bħal ma kien fil-każ preżenti.*

**Il-Qorti,** — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-imsemmi Serafino Debono biegħlu kwantità ta' ramel fl-Għadira, il-Mellieħa, bil-prezz ta' £15 li hu ħallas lill-istess Debono; u li l-konvenut Stefano Debono b'mala fede biegħ dak l-istess ramel lil ħadd ieħor li qiegħed jieħu minnu; talab li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu, in linea ta' danni, il-valur ta' dak ir-ramel. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' April 1948;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma tnejn:— L-ewwel waħda li l-azzjoni hija proposta ħażin, billi l-attur naqas jitlob ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ; it-tieni waħda, li l-azzjoni hija perenta, billi l-attur ma marx biex jirċievi r-ramel qabel l-għeluq taż-żmien miftiehem għall-konsenja, u kwindi l-ħall tal-bejgħ ta' dan ir-ramel sar "ipso jure" fl-interess tal-bejjiegħ;

Tikkunsidra fuq l-ewwel eċċezzjoni;

Illi dina l-eċċezzjoni tippresupponi n-nuqqas tal-konsenja tal-ħaġa mibjugħa; u difatti hija bażata fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 1435 u 1436 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi però, fil-każ preżenti ma jistax jingħad li ma kienx hemm konsenja tar-ramel in kwistjoni. Jirriżulta mill-provi li l-attur, ċirka tmax-il sena ilu, xtara bil-prezz ta' £15 dan ir-ramel, li kien qiegħed fl-għalqa ta' l-imsemmi Serafino Debono fl-Għadira, il-Mellieħa, bil-kondizzjoni li kellu jġorru u jeħdu minn dak il-post fi żmien sena. It-tradizzjoni tar-ramel kwindi saret meta sar il-kuntratt, u tirriżulta mill-kunsens prestat mill-bejjiegħ fl-istess kuntratt sabiex ix-xerrej jieħu pussess tar-ramel ħalli jġorru fiż-żmien li indikalu. Mingħajr dak il-pussess, difatti, l-attur ma setax jaqbad iġorr u

jieħu r-ramel meta ried hu, fi żmien sena, kif hu seta' għamel wara li sar il-kuntratt tal-bejgħ tiegħu. It-tradizzjoni, difatti, tikkonsisti fit-traslazzjoni tal-pussess; skop tagħha hu l-immissjoni fil-pussess tal-kumpratur, sabiex dan ikun jista' jirrikava l-utilità illi l-ħaġa li akkwista għandha tipprokuralu, sabiex ikun jista' jeżerċita d-dritt li jkun tah il-kuntratt tal-bejgħ. L-attur kellu l-pussess tar-ramel, għaliex ma kien hemm ebda bżonn ta' l-ebda att ieħor biex hu jibda jeżerċita fuq dak ir-ramel id-dritt li akkwista fuqu bil-kuntratt tal-bejgħ; u dan għaliex ir-ramel ġie minnufih imqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu, billi hu seta' immedjatament u kull meta ried, imur u jieħdu, u jirrikava kull utilità minnu, mingħajr ebda att ieħor tal-venditur; u għalhekk, la kellu l-pussess, kienet saret it-tradizzjoni. Fi kliem ieħor, meta l-imsemmi Serafino Debono biegħlu r-ramel, hu tah il-permess biex jieħdu, u b'dak il-permess, dak il-ħin stess, hu għamillu l-konsenja tiegħu. Mhux loġiku li wieħed jirritjeni li ma kienx hemm tradizzjoni — li tikkonsisti fit-traslazzjoni tal-pussess — meta l-attur seta' jieħu u jġorr ir-ramel meta jrid u jirrikava kull utilità minnu mingħajr ebda att ieħor tal-venditur — dak li jimplika l-pussess għand l-attur ta' l-istess ramel;

Illi minn dana kollu jidher li l-attur mhux qiegħed jeżerċita l-azzjoni indikata mill-konvenut, derivanti mid-dispożizzjonijiet fuq ċitati tal-Kodiċi Civili, minħabba n-nuqqas da parti tal-bejjiegħ li jagħmel il-konsenja tal-ħaġa mibjugħa. L-azzjoni ta' l-attur hija għall-ħlas tad-danni li sofra, konsistenti fil-valur tar-ramel, billi l-konvenuti, werriete ta' l-imsemmi Serafino Debono, biegħu lil ħadd ieħor dan ir-ramel li kien ta' l-attur, għaliex kien biegħulu u kkonsenjahulu missierhom;

Tikkunsidra fuq it-tieni eċċezzjoni;

Illi dina l-eċċezzjoni hija bażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 1488 tal-Kodiċi Civili. Skond dina d-dispożizzjoni tal-liġi, trattandosi ta' bejgħ ta' ħaġa mobili, il-ħall tal-bejgħ, anki jekk il-kondizzjoni riżolutiva ma tkunx ġiet espressament miftehma, isir "ipso jure" fl-interess tal-bejjiegħ jekk ix-xerrej, qabel l-għeluq taż-żmien stipulat għall-konsenja, ma jmurx biex jirċeviha, jew, għad li jmur biex jirċeviha, ma

joffrix fl-istess hin il-ħlas tal-prezz, kemm-il darba ma jkunx ġie stipulat żmien għall-ħlas. Dina d-dispożizzjoni tal-liġi ma tistax tiġi applikata għal-każ preżenti, għaliex tikkontempla l-każ meta x-xerrej ma jmurx biex jirċievi l-konsenja, mentri fil-każ preżenti ġie ritenut li t-tradizzjoni saret;

L-imsemmija dispożizzjoni hija ta' dritt singolari, u bħal kull dispożizzjoni eċċezzjonali għandha tiġi applikata biss għall-każ fiha previst. Barra minn dan, dik id-dispożizzjoni lanqas ma tapplika meta l-prezz ikun imħallas. Il-kondizzjoni riżolutiva taċita tapplika ruħha fil-każ li l-prezz ma jkunx imħallas, u dana jidher mill-kliem ta' l-ewwel paragrafu ta' dak l-artikolu;......

Il-kommenti tal-liġi franċiża li għalihom il-konvenut għamel riferenza ma jgħoddux għall-liġi tagħna, għaliex dina għandha lokuzzjoni diversa minn dik tal-liġi franċiża. Il-lokuzzjoni tal-liġi tagħna hija bħal dik ta' l-art. 1512 tal-Kodiċi Civili Taljan, u mill-kommenti ta' dik id-dispożizzjoni nirrikavaw preċiżament dak li ntqal fuq, jiġifieri illi ma hemmx lok għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ kontemplata f'dak l-artikolu meta l-prezz ikun ġie mħallas. Pacifici Mazzoni, per eżempju, kiteb illi għat-tielet kondizzjoni, sabiex ikun hemm lok għar-riżoluzzjoni "di diritto" kontemplata fl-art. 1512 (1488 tagħna), hu meħtieġ "che il compratore abbia mancato al doppio obbligo di presentarsi a ricevere la consegna della cosa e di pagare contemporaneamente il prezzo; se si presenta a ricevere la consegna senza offrire contemporaneamente il prezzo, alla risoluzione della vendita si può far luogo di diritto, senza verun dubbio" (Vol. V. paġ. 106);

Tikkunsidra fil-meritu;

Illi mill-provi jirriżulta li r-ramel ġie mibjugħ ċirka sentejn ilu mill konvenut Stefano Debono; u jirriżulta wkoll li l-attur, ftit qabel, kien biegħu bil-prezz ta' £32 lil ċertu Francesco Cauchi; iżda meta dan mar biex jieħu minnu, laqgħu ċertu Ġanni Vella, billi kien xtrah minn għand il-konvenut Stefano Debono;

Illi għalhekk id-danni li sofra l-attur jikkonsistu appuntu fit-telf ta' l-imsemmi prezz ta' £32;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talba ta' l-attur, u kwindi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur, in linea ta' danni, £32 valur ta' l-imsemmi ramel. Bl-ispejjeż.

---